MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1723/2001/1

**Caroline Chetcuti Ganado**

**vs**

**Dr. Mark Busuttil u l-P.L. Victor Bugeja b'digriet tal-Qorti ta' l-1 t'April 2002 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Concetto Claudio Consoli.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fit-23 ta' Mejju 1993, mill-liema zwieg twieldet il-minuri Maria Cristina li llum ghandha erba` (4) snin.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew wahda aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini ta' l-**artikolu 19 (1) (g) u/jew (d) u/jew (f) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975 li jirregola z-zwigijiet**;

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti tas-16 ta' Lulju 2002 fol. 46 fejn gie eccepit:

1. Illi huma ghadhom mhux edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw milli jipprezentaw l-eccezzjonijiet formali taghhom fi stadju ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol. 46 tal-process;

Rat ir-rikors ta' l-attrici tat-13 ta' Marzu 2002 fejn talbet lill-Qorti sabiex tahtar kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Concetto Claudio Consoli fl-atti tac-citazzjoni u fl-atti l-ohra kollha konnessi u sussegwenti.

Rat id-digriet ta’ l-14 ta’ Marzu 2002 fejn il-Qorti ordnat il-hrug tas-soliti bandi;

Rat id-digriet ta’ l-1 ta’ April 2002 fejn il-Qorti nnominat lill-Avukat Dr. Mark Busuttil u lill-Prokuratur Legali Victor Bugeja bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi;
Rat in-nota ta’ l-attrici tat-2 ta’ Mejju 2002 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavits taghha stess; ta’ Joseph Chetcuti Ganado; Maria Carmela sive Marlene Chetcuti Ganado u ta’ Charles Azzopardi.

Rat il-verbali tas-seduti tat-22 ta’ Mejju 2002 fejn deher Dr. Anthony Ellull li assocja ruhu fil-patrocinju ta’ l-attrici; tal-11 ta’ Gunju 2002; u ta’ l-14 ta’ Novembru 2002;

Rat in-nota ta’ l-attrici tat-18 ta’ Novembru 2002 fejn iddikjarat li m’ghandhiex aktar provi u li l-kawza tista` tigi differita ghas-sentenza;

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Frar 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

*“Illi fit-23 ta Mejju 1993, jiena zzewwigt lil Concetto Claudio Consoli, mill-liema zwieg kellna tifla wahda, Maria Cristina li twieldet fis-27 t’ Awissu 1997.*

*Illi jiena ltqajt ma’ zewgi waqt li kont qeghda btala Catania u dan fl-1986. Dak iz-zmien kien ghad ghandi tmintax-il sena biss u konna hrigna flimkien Catania. Xi gimghatejn wara Claudio gie Malta ghal btala qasira u minn hemmhekk bdiet relazzjoni fejn jew jiena jew hu konna nivvjaggaw biex niltaqghu. Ahna konna niltaqghu*

*kull xahrejn u darbtejn fil-gimgha konna nitkellmu permezz tat-telefon u ittri.*

*Illi ahna qattajna xi hames snin nivvjaggaw bejn Malta u Catania u dan dejjem ghal perjodi qosra. Fil-bidu tas-snin disghin jiena qattajt tliet xhur nghix ghand il-familja ta' Claudio, u wara ftit huwa nizel jghix Malta.*

*Illi nghid li jiena kont. infattwata sew fuq Claudio tant li sahansitra kont spiccajt inhallas ghall-passaggi tieghu, kif ukoll hallast ghal karozza second hand li xtara l-Italja stess.*

*Illi sija shabi, kif ukoll il-familjari tieghi, kienu javzawni biex ma nkomplix b'din ir-relazzjoni u dan ghal varji ragunijiet. L-akbar wahda kien minhabba l-fatt li Claudio ma kienx stabbilit fil-hajja. Fil-fatt huwa lanqas biss keilu mpjieg fiss, u ghadu sa llum ma sabx impjieg regolari. Meta gie Malta huwa beda jahdem part-time pizzaiolo u jimporta xi hwejjeg. Meta fettilu huwa telaq mill-part-time ghax kien jghid li ddejqu s-sikkatura li jahdem taht in-nies. Minn naha l-ohra jiena spiccajt, nixtri l-istokk ta' hwejjeg, niehu hsieb il-burokrazija biex nimporthom, kif ukoll inbiegh il-hwejjeg li suppost kien jimporta Claudio. Dan kont naghmlu peress li Claudio ma kienx qed jirsisti ghax-xoghol. Huwa kien jahdem bil-burdata, fil-fatt ta' spiss kien iqum filghodu u jghid li ma kellux aptit imur ghax-xoghol, u minflok kien imur jiehu xi kafe' x-Xatt tas-Sliema. Minkejja li Claudio ma kienx jahdem huwa dejjem kien jinzel liebes pinna, bis-suit u bil-briefcase, qiesu l-akbar sinjur. Pero' l-familja tieghi u shabi kienu jafu li l-flus li qed jonfoq, inkluz dawk tal-hwejjeg, kienu flusi u flus ommu.*

*Illi peress li ahna l-Maltin di natura m'ahniex it-tip li noqgqhodu jdejna fuq zaqna, kif kien jaghmel Claudio, jiena spiccajt napplikalu ghax-xoghol. Huwa qatt ma wera nteress fix-xoghlijiet li kont napplikalu ghalihom.*

*Illi jien minn naha l-ohra spiccajt nahdem part-time biex inhallas ghall-bzonnijiet tieghi u ghall-kapricci ta' Claudio, tant li spiccajt immantnih jiena. Meta l-familja tieghi raw li jiena kont qed inbaghti biex Claudio jghix ta' parassita,*

*huma kienu rrabjaw ferm tant li ommi kellha xi tghid mieghu.*

*Illi l-akbar glieda sehhet meta l-genituri tieghi offrew lil Claudio biex isellfuh xi flus u jiftah negozju. Huma ppruvaw ihajjruh jaqbad il-linja tal-business b'mod serju. Claudio kien irrifjuta kategorikament li jissellef minghandhom peress li ma ried lil hadd jikkmandalu hajtu. Niftakar li ommi u Claudio ghamlu perjodu ta' xi tmien xhur ma jitkellmux. Mhux biss izda Claudio dam ma jkellem lil hija Andrew xi tmien snin u dan peress li Andrew ipprova jikkonvincih bil-kwiet biex irabbi l-ghaqal, jimmatura, jirrispetta lili u jibda jahseb ghal futur. Peress li zewgi huwa persuna kburija hafna, huwa qatt ma accetta l-pariri ta' hadd u ghalhekk spicca ma jkellimx lil hija.*

*Illi apparti l-problema tal-flus u tan-nuqqas ta' maturita` u serjeta` da parti ta' Claudio, kien hemm problema ohra, li dak iz-zmien ma kontx naghti kasha, pero' llum naf li taffettwa ferm.  Jiena u Claudio kellna backgrounds familjari differenti ferm. Jiena gejja minn familja upper middle class, fejn il-genituri tieghi t-tnejn ghandhom pozizzjoni gholja fis-socjeta`. Ahna dejjem trabbejna f'familja maghquda u qatt ma naqasna xejn, anke finanzjarjament. Mhux biss izda jiena u huti nghatajna edukazzjoni terzjarja.*

*Illi l-familja ta' Claudio, gejjin minn familja normali li pero' ma tantx ghandhom qaghda finanzjarja soda, kif ukoll ghandhom livell ta' edukazzjoni minimu. Oht Claudio, Cettina, hija l-eccezzjoni peress li ghandha tlett ihwienet tal-hwejjeg. Maghha timpjega kwazi lill-familja kollha, u cjoe' lil hutha, l-irgiel ta' hutha u anke kugini. Pero' Cettina dejjem irrifjutat li timpjega lil Claudio. Darba minnhom jiena tlabtha bil-hniena biex timpjega lil Claudio, peress li ma stajtx inkampa finanzjarjament, izda Cettina kienet irrifjutat. Hija qaltli li Claudio ma kienx persuna affidabbli u huwa irresponsabbli, ma jafx ikompli man-nies u ghalhekk ma riditx tohrog paga fil-vojt.*

*Illi minkejja dawn il-problemi kollha jiena xorta wahda ma ridtx nitlaq lil Claudio. Kif diga' ghidt aktar 'il fuq, bdejt*

*nohrog ma' Claudio meta kelli tmintax-il sena biss. Dak iz-zmien shabi kollha diga' kellhom boyfriend u jiena li kont naqra mbacca kont ghadni ma sibt lil hadd. Ghalhekk meta bdejt nohrog ma' Claudio, li kien l-ewwel boyfriend tieghi, ghall-ewwel hassejt il-moral joghla. Jiena wkoll stajt nghid lil shabi li kelli boyfriend gustuz.*

*Illi pero' wara ftit Claudio beda jghaddili kummenti fis-sens li lili hadd ma kien ser jigborni, li jekk jitlaqni kont ser nispicca wahdi ghax kont hoxna u kerha, kif ukoll li hu biss gabarni u li hadd ma jkun iridni ghax skond hu jiena m'ini kapaci naqhmel xejn. B'hekk jiena stess spiccajt b'inferiority complex kbira tant li kont nisthi nidher fil-pubbliku, u meta kont nohrog kont inhoss li kulhadd qed ihares lejha u jghid fuqi. Ghalhekk, minkejja d-diffikultajiet kbar li kont ghaddejha minnhom u d-differenza enormi li kien hemm bejnietna, jiena sirt dipendenti kompletament fuq Claudio. Biex zgur ma jitlaqniex jiena spiccajt naghmel minn kollox ghalih, mhux biss rigward flus, izda sahansitra hadtha kontra l-familja tieghi minhabba fih.*

*Illi nghid li ahna konna zzewwigna fuq suggeriment tieghi. Fil-fatt ohti izghar minni kienet ser tizzewweg u jiena pproponejt lil Claudio li naghmlu double wedding. Jiena diga' kelli l-proprjeta tieghi personali u ghalhekk kellna fejn noqghodu. Inoltre biz-zwieg Claudio kien ser jakkwista l-freedom of movement u l-work permit.*
*Illi meta ppronejtlu li nizzewgu Claudio ma qal xejn, la kontra u lanqas favur. Wara xi erba' gimghat imtertqa ghar-risposta, Claudio bl-akbar indifferenza qalli "O.K.". Niftakar li Claudio lanqas biss kien iddiskuta dwar il-kwistjoni f'dawk l-erba' gimghat. Ghalhekk ahna spiccajna zzewwigna flimkien ma' ohti u r-ragel taghha. Rigward il-preparamenti tat-tieg dawn saru kollha minni u minn ohti. Meta koent nipprova ninvolvih fil-preparamenti, Claudio kien assolutament jinjorani u jghidli biex immur m'ommi ghax lilu ma kienx jimpurtah. Hajjitna kienet kollha hekk, jiena niehu d-decizjonijiet wahdi u Claudio ma jippartecipa f'xejn.*

*Illi fl-ewwel sena u nofs, Claudio beda jimporta aktar hwejjeg, b'mod li kellu introjtu ta' xi Lm100 fix-xahar.*

*B'hekk l-ispejjez tal-kapricci tieghu, bhal kafe', sigaretti u biljetti tal-lotterija, u xi kultant il-Casino, kien qed ihallashom Claudio stess. Jiena bqajt inhallas l-ispejjez tal-hajja, kif ukoll l-ispejjez tad-dar. Inoltre kont inhallas ghas-safar biex immorru l-Italja naraw lill-omm Claudio. Biex inhallas dan kollu jiena kelli full-time job mal-Gvern, kont nahdem erba' waranofsinharijiet il-Public Broadcasting Services, kent inzomm l-istudenti d-dar u kent naghti l-privatijiet ukoll. Jiena kont niehu hsieb ukoll il-bzonnijiet tad-dar, inkluz l-ikel u l-hasil. Claudio xorta wahda baqa' jahdem bl-aptit. Huwa kien sar klijent regolari tal-Giorgio Cafeteria fix-Xatt tas-Sliema.*

*Illi fin-1995, is-sitwazzjoni aggravat ferm peress li kienet dahlet il-VAT. Ghalhekk Claudio spicca jbiegh il-hwejjeg b'telf. Huwa kien ged jiehu mill-paga tieghi biex jixtri l-hwejjeg u minflok jaghmel profitt jispicca jitlef minnhom. Ghalhekk Claudio ddecieda ii jwaqqaf dan in-negozju.*

*Illi jiena xorta wahda bqajt nipprova nfittxlu impjieg, pero' huwa kien igib l-iskuza minhabba l-lingwa. Ghalhekk kont nipprova nghallmu l-Ingliz, kont inhallaslu privat ta' l-Ingliz u sahansitra hallastlu kors tal-Malti ghall-barranin. Claudio mar ghall-ewwel tliet darbiet, imbaghad, bhas-soltu, tilef l-interess. B'hekk zewgi spicca ma jaghmel xejn gimghat shah. Kien iqum fl-10.00 a.m. u jiltaq 'il barra. Lanqas biss kien jghati daqqa t'id id-dar. Mhux biss izda f'dan il-perjodu Claudio beda' jzid iz-zjarat tieghu l-Casino u kien qed jitlobni flus biex jilghabhom.*

*Illi wara xi sena u nofs ma jahdimx, hija Andrew sab xoghol lil Claudio. Niftakar li huwa qatta' xi tliet gimghat jahsibha jaccettax dan l-impjieg jew le. Fl-ahhar jiena tant kont iddejjaqt li ghidtlu li jekk ma jaccettax l-impjieg jiena kent ser nitilqu. Huwa xorta wahda ma tax risposta mal-ewwel, pero' wara hafna pressure mill-genituri tieghi u tieghu, Claudio accetta l-impjieg.*

*Illi ghalkemm huwa kien qed jaqla' xi Lm350 fix-xahar, zewgi qatt ma ghaddieli flus, anzi kien jghidli li mhux qed ihallsuh. Wara kent insib il-pay slips tieghu. Jiena*

*nammetti li qatt ma tlabtu flus, peress li almenu kont strihajt li mhux qed jitlobni flus ghall-kapricci tieghu.*

*Illi peress li z-zwieg taghna ghamel perjodu ta' ftit xhur kalm, jiena kont issuggerejt li nippruvaw nibdew familja. Huwa accetta mal-ewwel, minkejja li kien ghamel erba' snin fejn lanqas biss ried isemmi s-suggett, u ghalhekk ippruvajna ghat-tfal. Jiena nqbadt tqila mal-ewwel u huwa kien qalli biex ma nghidx lill-familja tieghi. Ghalkemm jiena ma tkellimtx, il-familja tieghi kienu ndunaw li kont tqila u Claudio kien qatta' tliet gimghat ma jkellimniex minhabba f'hekk.*

*Illi meta kelli xi sitt xhur tqala, jiena u Claudio ddiskutejna dwar parental leave biex jiena nkun f'pozizzjoni li nrabbi lili-binti ghal sena. Ahna konna qbilna li jiena kelli niehu sena parental leave, u kellna nghixu fuq il-paga tieghu. Ghalhekk l-ghada applikajt ghal parental leave u meta mort id-dar sibt lil Claudio d-dar. Huwa gharrafni li kien telaq mix-xoghol ghax kien iddejjaq iqum kmieni. Bhas-soltu jiena qatt ma stajt nafda fuq il-kliem ta' Claudio, ghax illum jghid haga u l-ghada jaghmel ohra.*

*Illi minn dak iz-zmien Claudio beda kuljum johrog mid-dar minghajr ma jkellimni u jitlaq il-Casino. Dan anke meta kont wasallt biex inwelled. Mat-twelid tat-tarbija l-hajja matrimonjali ddeggenerat kompletament tant li huwa kien iqatta' aktar hin l-Italja u l-Casino milli d-dar.*

*Illi fl-ahhar Claudio beda jimmagina li ser noqtlu, tant li qam bil-lejl u beda jghid li qed jara d-dwal u li jien ridt noqtlu. Mar ghand il-girien fis-2.00 a.m. bil-pigama u cempel lill-Ambaxxata Taljana u talabhom skorta sa' l-ajruport. Spiccat waslitlu l-gara taghna u jiena mont warajhom sa' l-ajruport. Hemmhekk talab lill-anti-bomb squad biex jiccekkjaw il-bagalji peress li huwa beda jghid li jiena kelli l-bombi jew droga. Claudio beda jagixxi ta' persuna mignuna jew ta' persuna mbezza` minn xi haga. Meta tela' l-Italja qatta' sena ma johrogx mid-dar peress li beda jibza' li xi hadd ser joqtlu. Jiena nissuspetta jew li ssellef xi flus mill-idejn, peress ma nafx dwar dan, jew li Claudio kellu anomalija psikologika.*

*Illi minn dak iz-zmien sa llum, Claudio gie darba biss jara lit-tifla, u dan meta kellha xi sena u nofs. Meta kien Malta t-tifla ddahhlet l-Isptar u Claudio lanqas biss indenja ruhu jigi jaraha."*

## ii) PRINCIPJI LEGALI.

Illi fil-premessi tac-citazzjoni l-attrici hija qalet li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha liema premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fl-istess premessi jinghad, l-attrici sostniet illi l-kunsens tal-konvenut nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, liema premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:

**"Artikolu 19 (1)** B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita` taz-zwieg *o meno* taht dawn iz-zewg sub-incizi separatament, u fl-ewwel lok, taht l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi artikolu **19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid iIli z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi ghar-rigward ta' l-istess **artikolu 19 (1) (d)** mill-provi migbura jirrizulta li l-kontendenti, qabel ma zzewgu, ma kkunsidrawx bis-serjeta` l-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Fil-fatt inghad li l-kuncett ta' d-diskrezzjoni ta' gudizzju **"***supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess* a *critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly"*.

*"Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961 Sabattani held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'amentia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage … … ... Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity … …".*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard in "*l'immaturite" et le consentement matrimonial*"*** (pg. 54-55***)*** jghid is-segwenti*:*-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its*

*continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000); **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002; **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002; **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.* ***(Viladrich, P.J.*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **“Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe”** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta’ Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*“Kwantu ghall-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta’ definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma “the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics”.* (***Vidadrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *(“colorem habens, substantiam vero nullam”)* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi “*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu”*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **“Bonnici vs Bonnici”** (P.A. 30 ta’ Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ippruvat il-‘*finis operis’* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta’ parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **“Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine”.*** (P.A. 22 ta’ Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat

tieghek fuq x’inhu zwieg jew inkella xort’ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta’ simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **“Galea vs Walshi”** (P.A. 30 ta’ Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *“meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata”.* Illi fis-sentenza **“Muscat vs Borg Grech”** (P.A. 14 ta’ Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta’ simulazzjoni b’dawn il-kliem:-

*“Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b’att pozittiv tal-volonta’ tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu”.*

Illi kif gie insenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **“Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et”,** (K. 1 ta’ Ottubru 1884 - Vol.X p.912):-

*“a poter dedursi la invalidita dell’atto e’ necessario che risulti chiaro, che cio’ che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe’ ‘fictio seu ostensio falsi pro vero’.*

Illi fil-kawza **“Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*”** (P.A. (RCP) 28 ta’ Mejju 2002) inghad li *“meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jghati l-kunsens validu taz-zwieg, pero’ bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe’, issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe’ saret simulazzjoni parzjali”.*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel ma’ l-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **“Al Chahid vs Mary Spiteri”** (P.A. (RCP) 5 ta’ Gunju 2002 inghad li *“wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta’ l-kunsens*

*tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il--Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cioe' l-imhabba konjugali u r-responsabilita` tal-familja. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"consortium vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossubilita` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-Ligi Maltija tippresuponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubilita' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J. *Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on*

*marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns***, fii-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, "**Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary".** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubilita') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe`:-
*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi f'dan ir-rigward, issir riferenza ghal dak li qalet din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenzi fl-ismijiet **"Josephine Grech vs Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida"** (P.A. (N.A.) 10 ta' Ottubru 1995) u **"Miriam Ramadan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk"** (P.A. (N.A.) 16 ta' Jannar 1998) u cjoe' li:-

*"meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed pozittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita ta' l-*

*intenzjoni ta’ dak li jkun, pero’ tali intenzjoni tista’ tigi manifestata wkoll implicitament .*

Illi fi kliem il-gurista ***Castano**:-*

*“… l’atto posittivo della volonta’ non s’identifica con l’intenzione espressa o esplicita, ma l’atto della volonta’ puo’ essere posittivo ed essere manifestato implicitamente. Infatti con il Prof. Gangoiti crediamo che l’atto posittivo richiesto dal canone puo’ essere amesso anche con intenzione implicita, vale a dire mediante il modo di comportarsi del soggetto che esclude, o mediente l’insieme di circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta’, oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi. E’ per questo che la volonta’ puo’ essere ritenuta una facolta’ poliglotta e quindi parla atraverso molteplici linguaggi, senza che sia necessario che lo faccia espressamente”.*

*“Huwa ghalhekk li jinkombi fuq il-Qorti li thares lejn ic-cirkostanzi kollha kemm dawk antecedenti, kif ukoll dawk konkomitanti u sussegwenti, ghall-ghoti tal-kunsens matrimonjali, u tinterpretahom b’doza qawwija ta’ buon sens, biex tista’ tasal, imqar sal-grad ta’ probabilita’, li kien hemm l-eskluzjoni posittiva imsemmija”.*

Illi fis-sentenza ta’ l-10 ta’ Marzu 2000, fil-kawza fl-ismijiet **“Pauline Ahmed nee’ Bugeja vs Shafik Farid Shafik Ahmed”** (P.A. (VDG) Citaz. Numru 171/95 VDG), din Qorti kif diversament presjeduta ccitat lill-gurista ***Francesco Bersini*** li jispjega:-

*“Chi ad esempio intende un fine estrinseco al matrimonio in modo tale da escludere con atto posittivo di volonta’ lo stesso matrimonio, che per lui e’ una pura formalita’ vuota e senza senso, evidentemente fa del matrimonia un rito vano. In tal modo contrae invalidamente colui che, escludendo con atto posittivo di volonta’, almeno implicito, lo stesso matrimonio, si sposa unicamente ed esclusivamente per un fine estrinseco, cioe’ diverso dal matrimonio, fine che egli intende come oggetto esclusivo del consenso. Per esempio: avere una dote, evitare il*

*servizio militare, adire una eredita', scopi di libidine, ecc … L'esclusione del matrimonio si puo' verificare sopratutto in persone che si sposano sotto la pressione del timore grave, o che strumentalizzano, con estrema leggerezza e malizia, il-matrimonio simulato per raggiungere altri fini intesi con volonta' prevalente, come potrebbero essere I miraggi di un vantaggio economico …."* (**Il Diritto Canonico Matrimoniale**, Elle Di Ci (Torino), 1994, pp. 113-114).

*Illi huwa sintomatiku wkoll li wiehed jirreferi ghas-sentenzi* ***"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"*** *(P.A. (N.A.) 31 ta' Mejju 2000) u* ***"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"*** *(P.A. (N.A.) 20 ta' Gunju 2000) u* ***"Marica mart Farhat Ben Mohammed Bouchhioua nee' Cernigliaro vs. Farhat Ben Mohammed Bouchhiuoua."*** *(P.A. (RCP) tal-1 ta' Ottubru 2002) fejn inghad li fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista c-cittadinanza Maltija jew/u d-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulat peress li eskluda pozittivament iz-zwieg innifsu, u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li dan jaqa' taht id-dispozizzjonijiet ta' l-****artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.***

## <u>iii) Apprezzament tal-Provi.</u>

Illi l-provi prodotti f'din il-kawza jikkonsistu f'affidavits ta' l-attrici, tal-genituri taghha u ta' Charles Azzopardi, l-principal taghha fejn kienet tahdem mad-Dipartiment tal-Lottu.

Illi l-partijiet kienu zzewgu fit-23 ta' Mejju 1993, wara li kienu ltaqghu Catania u kienu diversi drabi vvjaggaw bejn iz-zewg pajjizi sabiex iqattghu hin flimkien, ghalkemm fil-bidu tas-snin disghin, l-attrici ghamlet tliet (3) xhur tghix Catania mal-familja tal-konvenut.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut ma tantx kellu responsabilita` ghall-familja, tant li waqt l-istess

konvivenza tal-partijiet, il-konvenut kien jahdem biss kwazi meta jftettillu, b'dan li l-attrici kienet kostretta tmantni hija lill-konvenut u taghmel tajjeb anke ghall-kapricci tieghu, tant li kellha iktar minn *job* wiehed. Meta l-istess konvenut sab xoghol zamm dejjem l-introjtu ghalih.

Illi ma' dan irid jizdied il-fatt li l-istess konvenut kien jimpurtah biss f'dak li kien jinteressa lilu tant li kien iqatta` hafna hin l-Italja wahdu u l-Casino. Fl-ahhar jidher li anke din il-hajja ghamlet bih, tant li telaq mid-dar konjugali b'mod verament drammatiku kif jidher mill-ahhar paragrafu ta' l-affidavit attrici, u mar lura pajjizu l-Italja, fejn gie Malta darba wahda biss, sabiex jara lill-bintu meta din kellha sena u nofs.

Illi mill-kumpless tal-provi jidher car li l-attrici dahlet f'dan iz-zwieg litteralment b'ghajnejha maghluqa, kemm peress li hija kienet infatwata emozjonalment bil-konvenut, kif ukoll peress li jidher li l-konvenut fil-perjodu ta' l-gherusija, avvantagga ruhu b'din l-infatwazzjoni fuqu mill-attrici, b'dan li gabha emozzjonalment tiddependi fuqu biss, tant li b'malizzja kien ikkonvinciha li huwa kien speci s-salvazzjoni taghha ghaliex altrimenti ma kenitx ser issib min jizzewwigha. B'konsegwenza ta' dan l-attrici waqghet f'*inferiority complex* u saret konxja hafna ta' dak li hija ddiskriviet bhala l-persuna taghha f'dak iz-zmien, tant li kkunsidrat lilha nfisha bhala 'hoxna u kerha' u s-*self-esteem* taghha kien fl-inqas livell possibbli.

Illi fil-fatt din il-Qorti hija konvinta mill-provi prodotti, li kien biss f'dan ix-xenarju li l-attrici kkonsidrat li tizzewweg lill-konvenut, fejn l-istat emottiv u volittiv taghha kien prekarju ghall-ahhar, kawza tal-gibda esagerata li kellha lejn il-konvenut, u wkoll l-infatwazzjoni li hija kellha lejh, li oskurawlha ghal kollox ir-realta` attwali u cjoe` dik li l-konvenut ma kellu l-ebda sentimenti lejha, wisq inqas imhabba komunali, li hija fil-pozizzjoni li kienet fiha certament ma kellhiex il-kunsens liberu sabiex tapprezza u tifhem is-sinifikat taz-zwieg mal-konvenut, u li huwa aktar serju f'din is-sitwazzjoni kien li l-konvenut ivvantagga ruhu mill-attrici f'dan kollu.

F'dan l-istat emottiv u volittiv fil-psikiku ta' l-attrici kien tali li anke meta membri tal-familja taghha mill-ewwel ippruvaw juru lill-attrici l-veru sinifikat ta' l-azzjoni tal-konvenut u n-nuqqas ta' rispett tieghu, dan serva biss sabiex l-attrici iktar kienet u saret resoluta li tidhol f'dan iz-zwieg mal-konvenut bla ma qieset il-konsegwenzi, u dan *in verita`* ma setax ikun mod iehor, ghaliex l-attrici f'dak iz-zmien kienet disturbata emozzjonalment u psikologikament, u l-ideja taghha nnifisha kienet tant 'at a low ebb' li hija kienet konvinta li l-unika pass 'l fuq ghaliha kien biss ta' unjoni fiz-zwieg mal-konvenut. Kull kritika ghalhekk, lill-konvenut, kienet qed tigi interpretata minnha bhala xkiel ghall-ideja illusjonai taghha li hija setghet issib is-soluzzjoni u l-*fulfillment* taghha, bl-ghajnuna tal-konvenut, li kienet saret dipendenti fuqha emozjonalment, u kienet lesta, u baqghet lesta li taghmel is-sagrificcji kollha necessarji, nkluz li tigi tmantni lilu u lill-familja taghha esklussivament.

Illi dan l-istat mentali ta' l-attrici, jmur lil hinn minn semplici mmaturita`, izda huwa nuqqas serju fil-kapacita` volittiva u kritika ta' l-attrici li jwassal lil din il-Qorti, tikkonkludi li fid-dawl tal-provi prodotti, l-attrici fil-mument taz-zwieg kienet effetta minn difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga tant li kienet inkapaci li tikkomprendi l-istitut innifsu taz-zwieg u l-elementi essenzjali ta' l-istess u dan kollox abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255**. Hija sinifikanti f'dan l-aspett u anke ghal dak li se jinghad fil-konfront tal-konvenut fejn il-Monsinjur Arthur Said Pullicino gie kwotat li qal lill- genituri ta' l-attrici biss jumejn qabel iz-zwieg li dan iz-zwieg mhux ser jirnexxi. Fil-fatt u in verita` fl-opinjoni ta' din il-Qorti, tali unjoni qatt ma setghet tigi kkunsidrata bhala zwieg, hlief fic-cerimonja biss.

Illi da parti tal-konvenut, mill-provi prodotti jirrizulta li kemm qabel u kemm wara z-zwieg huwa kkomporta ruhu biss u fis-sens li jissodisfa l-pjaciri u l-gosti tieghu biss, bla ebda element ta' mhabba jew kontribuzzjoni tangibbli u materjali bejn l-unjoni tieghu ma' l-attrici, tant li l-konsistenza ta' dan l-atteggament tieghu lejn l-attrici, inkluz il-mod kif avvantagga ruhu minnha, jwasslu lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi li l-kunsens tieghu kien ivvizzjat

peress li huwa eskluda *a priori* elementi essenzjali taz-zwieg u allura l-kunsens tieghu kien ivvizzjat skond dak provdut fl-artikolu **19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi abbazi tal-premess it-talba attrici ghandha tigi milqugha abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap. 255** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet. Illi t-talba fil-kuntest ta' l-**artikolu 19 (1) (g)** ma hijiex qed tigi accettata *stante* li mill-provi prodotti dan l-aggravju ma kienx sostanzjat u lanqas ippruvat, ghalkemm minhabba dak deciz din hija biss kwistjoni akkademika.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati fil-kuntest li dawn jistghu ikunu inkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa` t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut fit-23 ta' Mejju 1993 huwa null u bla effett skond id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Bl-ispejjez bin-nofs bejn iz-zewg partijiet, filwaqt li l-Kuraturi Deputati jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------